MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

Il-Tlieta 5 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 42.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

42.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

## 42.2 Fondi mill-Unjoni Ewropea ghal progett *EUrope is a State of Mind* tal-programm *Europe for Citizens*.

42.2.1 Is-Segretarja semmiet li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fejn gie mitlub parir dwar jekk il-Kunsill jistax juza d-*Direct Order Request Form* ghas-servizzi ta' *Administrator* u *Coordinator* u *Consultant* u *Project Manager* b'urgenza peress li ma tantx baqa zmien sabiex tigi organizzatha l-ewwel konferenza tal-progett *EUrope is a State of Mind* tal-programm *Europe for Citizens*. Il-Kunsill ircieva risposta mid-Dipartiment fejn il-Kunsill gie nformat li l-*Administrator and Coordinator* jista` jitqabbad skond Artiklu 100 (1) filwaqt li ghas-servizz ta' *Consultant* u *Project Manager* tista` tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet fuq l-(EPPS) skond l-Artiklu 100 (2) tal-PPR's. Is-Sindku qal li dak li ssuggerixxa l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghalxejn mela u ghalhekk nimxu ma l-Awtorita` li tridu intom. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li mhux nimxu mal-Awtorita` li jridu imma d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hija l-Awtorita`. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ghandhom jinhargu sejhiet ghall-kwotazzjonijiet permezz tal-EPPS ghaz-zewg servizzi msemmija.

42.2.2 Is-Segretarja semmiet li ghas-servizzi tal-Agenzija Taljana li skond il-*budget* taghhom ser jammonta ghal madwar €21,000, din riedet isir sejha ghall-offerti. Hija semmiet li l-Kunsill m'ghandux kopja tal-applikazzjoni biss skond dan il-*budget* donnhom l-€21,000 gew inkluzi fl-applikazzjoni. Hija ssuggerit li ghandha tigi kkuntatjatha din l-agenzija sabiex il-fondi allokati ghalihom jigu mghoddija dritt lilhom u mhux lill-Kunsill, dejjem jekk dan jista` jsir. Gie diskuss li jekk il-fondi jidhlu fil-kont bankarju tal-Kunsill, il-Kunsill sabiex ihallas irid johrog *cheque* u b'hekk jekk l-affarijiet ma jkunux kif suppost il-Kunsill ser ikun responsabbli. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li kien hemm xi Kunsilli li ma nghatawx il-fondi peress li kellhom xi affarijiet li ma kienux kif suppost. Il-Vici Sindku semma kaz li Kunsill Lokali kellu mal-*Institute of Tourism Studies.* Il-Kunsiller Paul Buttigieg semma li l-ewwel riedet isir sejha ghall-offerti ghas-servizzi u imbaghad isir applikazzjoni ghall-fondi. Il-Kunsill iddecida li ghandha tigi kkuntatjatha l-agenzija sabiex tigi nformatha bis-suggeriment fejn il-fondi allokati ghalihom jigu mghoddija lilhom.

## 42.3 Bord tal-evalwazzjoni ghall-ghazla tal-offerti ghal *safety flooring* u ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

42.3.1 Is-sejha ghall-offerti li nharget ghal pubbliku ghal *safety flooring* u ghal *playground equipment* ghal *playing field* 'Magistrat Salvu Attard' ghalqet nhar it-18 ta' Jannar 2019 u gew sottomessi offerta wahda ghal *safety flooring* u offerta wahda ghal *playground equipment*. Il-Kunsill iddecida li l-bord tal-evalwazzjoni ghall-ghazla ta' dawn l-offerti ghandu jkun maghmul mis-Sindku Paul Buttigieg li jkun *Chairperson*, mis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg li tkun is-Segretarja tal-Bord, William Sultana, Inginier Mario Cauchi u l-*Accountant* John Buttigieg li jkunu *evaluators.*

QALA

## 42.4 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

42.4.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:15 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019.

Ikkonfermati, illum il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv